# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-3 ta' Diċembru 2012

## li ġġedded il-perijodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2010/371/UE dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika tal-Madagaskar taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE

(2012/749/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ([1]) u rivedut f'Ouagadougou, Burkina Faso, fit-22 ta' Ġunju 2010 ([2]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim ta' Sħubija AKP-KE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 96 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Ftehim intern bejn ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fil-Kunsill, dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu u l-proċeduri li għandhom ikunu segwiti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

bi ftehim mar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/371/UE tas-7 ta' Ġunju 2010 dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika tal-Madagaskar taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ([4]) ġiet adottata bil-għan li jiġu implimentati l-miżuri xierqa b'segwitu għall-ksur tal-elementi essenzjali msemmija fl-Artikolu 9 ta' dan il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE.

(2) Dawn il-miżuri kienu estiżi sas-6 ta' Diċembru 2011 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/324/UE ([5]), u emendati u estiżi sas-6 ta' Diċembru 2012 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/808/UE ([6]).

(3) Twettaq progress sinifikanti, b'mod partikolari fil-qasam tal-istabbiliment ta' istituzzjonijiet għat-transizzjoni u fil-proċess elettorali, bis-saħħa tal-medjazzjoni tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC) li permezz tagħha seta' jkun hemm avvanzi fil-proċess tal-ħruġ mill-kriżi. Fost dawk l-avvanzi, wieħed jista' jsemmi t-twaqqif tal-Kummissjoni Elettorali Nazzjonali Indipendenti għat-Transizzjoni (CENI-T), l-adozzjoni ta' liġi ta' amnestija mill-Parlament u t-tħabbir ta' dati tal-elezzjonijiet konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-esperti tan-Nazzjonijiet Uniti. Madankollu, il-pjan direzzjonali għat-transizzjoni ma ġiex implimentat kompletament.

(4) Il-perijodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2010/371/UE jiskadi fis-6 ta' Diċembru 2012. Minħabba li l-elezzjonijiet parlamentari u t-tieni rawnd tal-elezzjonijiet presidenzjali huma skedati għat-3 ta' Lulju 2013, il-miżuri xierqa fis-seħħ għandhom jiġu estiżi sakemm il-Kunsill jiddeċiedi li jkunu saru elezzjonijiet kredibbli u li reġa' hemm ordni kostituzzjonali fil-Madagaskar, soġġett għal rieżami regolari matul dan il-perijodu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2010/371/UE, it-tieni sentenza hija sostitwita mit-test segwenti:

"Għandha tibqa' fis-seħħ sakemm il-Kunsill, abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni, jiddeċiedi li jkunu saru elezzjonijiet kredibbli u li reġa' hemm ordni kostituzzjonali fil-Madagaskar, soġġett għal rieżami regolari matul dan il-perijodu.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

N. SYLIKIOTIS

([1]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.
([2]) ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3.
([3]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 376.
([4]) ĠU L 169, 3.7.2010, p. 13.
([5]) ĠU L 146, 1.6.2011, p. 2.
([6]) ĠU L 324, 7.12.2011, p. 1.

*ANNESS*

**ABBOZZ TA' ITTRA INDIRIZZATA LILL-PRESIDENT TAT-TRANŻIZZJONI**

Sinjur,

Biex tilqa' l-progress li sar biex tissolva l-kriżi politika bl-iffirmar f'Settembru 2011 mill-partijiet interessati politiċi tal-Madagaskar tal-pjan direzzjonali biex jgħin lil Madagaskar joħroġ mill-kriżi, fil-5 ta' Diċembru 2011, l-Unjoni Ewropea (UE) taffiet il-miżuri xierqa stabbiliti għall-Madagaskar mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/371/UE tas-7 ta' Ġunju 2010.

Inti kont infurmat bid-deċiżjoni l-ġdida permezz tal-ittra tat-8 ta' Diċembru tal-2011 fejn huma speċifikati l-prekundizzjonijiet għal kull miżura mill-UE biex tassisti fit-tranżizzjoni. Għal dak il-għan, matul is-sena li għaddiet l-UE ħadet il-miżuri biex tassisti l-popolazzjoni u tappoġġja l-proċess elettorali, kif previst fl-iskeda tal-obbligi stipulati fl-ittra msemmija qabel.

Twettaq progress sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali, progress li ttieħed kont tiegħu fil-kuntest tal-miżuri adatti fis-seħħ. Minħabba li l-pjan direzzjonali ma ġiex implimentat b'mod sħiħ u sakemm isiru l-elezzjonijiet parlamentari u t-tieni rawnd ta' elezzjonijiet presidenzjali, skedati għat-3 ta' Lulju 2013, il-miżuri adatti ser ikomplu japplikaw, mingħajr ebda tibdil fil-kondizzjonijiet u l-impenji reċiproċi UE-Madagaskar, li jibqgħu validi bis-sħiħ sakemm l-UE tiddeċiedi li jkunu saru elezzjonijiet kredibbli u li reġa' hemm ordni kostituzzjonali fil-Madagaskar.

L-UE, li tagħti importanza kbira għall-elementi essenzjali kostitwiti mir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt, f'konformità mal-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, tħeġġeġ lilek u lill-partijiet interessati kollha fil-pjan direzzjonali biex jirduppjaw l-isforzi tagħhom bil-ħsieb li malajr jintgħelbu l-ostakli politiċi li attwalment qed jipperikolaw l-implimentazzjoni tiegħu.

L-UE tħeġġeġ ukoll lilek u lill-partijiet interessati politiċi tal-Madagaskar biex tipperseveraw fl-isforzi tagħkom biex tiżguraw ambjent politiku paċifiku li jwassal għal elezzjonijiet kredibbli f'Mejju u f'Lulju 2013 u t-tlestija tal-proċess tranżizzjonali, miftiehem mill-awtoritajiet tal-Madagaskar u approvat mill-komunità internazzjonali.

L-UE tikkonferma l-impenn tagħha li tkompli tassisti fil-proċess ta' tranżizzjoni u li tintroduċi b'mod rapidu miżuri ta' sostenn ta' wara t-tranżizzjoni, li d-dettalji tagħhom ser jiġu deċiżi fid-djalogu politiku mal-Gvern tiegħek.

Il-miżuri xierqa jistgħu jiġu riveduti fi kwalunkwe ħin, fid-dawl tal-iżviluppi pożittivi jew negattivi tas-sitwazzjoni politika fil-Madagaskar.

Dejjem tiegħek,

*Għall-Unjoni Ewropea*

Catherine ASHTON    Andris PIEBALGS